STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU JOSEPH MUSCAT DWAR IL-KUNSILL EWROPEW LI LTAQA' FI BRUSSEL BEJN L-20 U L-21 TA' MARZU 2014

Sur President,

Nixtieq illejla nirrapporta lil dan il-Parlament ix-xogħol li sar waqt il-Kunsill Ewropew li sar fi Brussell bejn l-20 u l-21 ta' Marzu 2014 u li l-konklużjonijiet tiegħu se nkun qed inpoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra. Se ngħaqqad ukoll rimarki li saru mill-mexxejja Ewropej flimkien fi tmiem il-laqgħa b'urġenza li saret fis-6 ta' Marzu dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.

**Is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

Il-pożizzjoni ta' Malta hija konformi eżatt ma' dik tal-Unjoni Ewropea. Il-pożizzjoni li ħadna fi tmiem iż-żewġ laqgħat dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna kienet waħda komuni bejn it-28 stat membru.

Dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna kien hemm diskussjonijiet twal u ħadna pożizzjoni soda u bgħattna messaġġ ta' solidarjetà bħala Ewropa u appoġġ għall-poplu Ukren. Qbilna wkoll fuq numru ta' miżuri biex dan l-appoġġ isir b'mod konkret.

Il-Kunsill Ewropew bl-aktar mod qawwi kkundanna l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa. Iddeċidejna b'mod unanimu li din l-annessjoni illegali ma tiġi qatt rikonoxxuta mill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea.

Jekk ir-Russja ma tnaqqasx it-tensjoni, il-Kunsill iddeċieda li jiġu estiżi l-projbizzjonijiet ta' viżas u l-iffriżar tal-assi. Qbilna fil-fatt li nespandu l-lista tal-individwi li huma soġġetti għal projbizzjoni tal-viża u l-iffirżar tal-assi.

l-Unjoni Ewropea kkanċellat ukoll is-*Summit* li jmiss bejn l-UE u r-Russja.

L-Unjoni Ewropea se tibqa' miftuħa għal djalogu. Madankollu jekk ma jsirx sforz biex l-affarijiet jitjiebu, il-Kunsill Ewropew ma jeskludix li jiżdiedu iktar miżuri iktar estensivi u *targeted* fuq ir-Russja.

F'dan l-istadju, minn l-ewwel livell ta' sanzjonijiet li qbilna dwarhom fis-6 ta' Marzu fis-*Summit* b'Emerġenza dwar l-Ukrajna, żidna bi skaluna oħra l-livell ta' sanzjonijiet. M'aħniex neskludu li l-Unjoni Ewropea se tkompli żżid id-doża.

Bħala turija ta' appoġġ lejn ir-rieda tal-poplu Ukren, flimkien mal-pajjiżi kollha tal-Unjoni, iffirmajna d-dispożizzjonijiet politiċi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Ukrajna. Qbilna wkoll li mmexxu 'l quddiem il-firma tal-tehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Ġeorġja u l-Moldova.

Intenni l-pożizzjoni ta' pajjiżna ta' kundanna għal kull forma ta' invażjoni territorjali tiġi minn fejn tiġi, f'dan il-każ mir-Russja fuq l-Ukrajna.

Ħadna pożizzjoni ta' prinċipju u tal-ikbar serjetà bħala pajjiż li nemmnu fil-vokazzjoni tal-Unjoni Ewropea bħala kontinent ta' paċi u għaqda bejn il-pajjiżi kollha li jiffurmawh u dawk ġirien tiegħu.

**<u>Enerġija</u>**

Ta' rilevanza strateġika għal pajjiżna hija d-direzzjoni li qed tieħu l-Unjoni Ewropea fuq il-qasam tal-enerġija.

B'wiċċi minn quddiem nistqarr li bdejna sena f'dan il-qasam bħala wieħed mill-pajjiżi, jekk mhux il-pajjiż, l-iktar lura fl-Ewropa. F'sena qegħdin fit-triq it-tajba, nippuntaw lejn id-direzzjoni li nieħdu lil pajjiżna fl-era moderna fil-qasam tal-enerġija. Għandna viżjoni li tmur oltre anke saħansitra dak li qed tipproponi l-Unjoni Ewropea, kif se nispjega ftit tal-ħin ieħor. Iżda l-iktar ħaġa ċara li ħarġet hija li l-ġenerazzjoni tal-elettriku bil-gass naturali huwa l-istandard fl-Unjoni Ewropea. Ta' min din il-Kamra tinnota allura li l-linja li qbadna bħala pajjiż hija waħda li tħares 'il quddiem.

Fil-konklużjonijiet li qbilna dwarhom jingħad li politika koerenti dwar l-enerġija u l-klima għandha tiżgura:

- Prezzijiet aċċessibbli – dak li se jiġri dalwaqt f'Malta.
- Kompetittività industrijali – dak li se jkun qed jiġri bir-roħs tal-kontijiet fi żmien sena.
- Sigurtà tal-provvista – dak li qed nagħmlu bħala Gvern biex *power stations* iktar affidabbli, *energy mix* usa', u fl-istess ħin insalvaw l-Enemalta.
- Kif ukoll il-kisba tal-objettivi tal-Unjoni Ewropea għall-klima u l-ambjent – Xi ħaġa li mil-lat ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli għadna lura iżda li beħsiebna nagħtu spinta sew 'il quddiem biex nibdew inlaħħqu mat-*targets* li fallew għal snin sħaħ.

L-aktar punt importanti għalija f'din il-parti tal-Kunsill Ewropew kien il-parti tad-diskussjoni dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-pajjiżi Ewropej u lil hinn minnhom.

Hawnhekk fejn nemmen li qed noffru bħala pajjiż, viżjoni fit-tul anke għall-Ewropa.

Filwaqt li lqajna d-diskussjoni fuq l-interkonnessjonijiet interni fl-Ewropa biex ma jibqax iżolament ta' ebda pajjiż fl-Ewropa mill-*grid* tal-enerġija. Tkellimna b'mod partikolari dwar interkonnessjonijiet ma' pajjiżi barra mill-Ewropa biex l-Ewropa ma tibqax dipendenti minn ftit sorsi ta' provvista tal-gass. Fil-fatt nirrimarka li fil-konklużonjiet hemm enfasi partikolari fuq il-Mediterran. Kien b'insistenza tagħna li fil-konklużjonijiet iddaħħlet referenza għall-Mediterran. Dan ifisser li aħna llum għandna appoġġ anke politiku fuq livell tal-Kunsill Ewropew biex bl-għajnuna tal-Unjoni Ewropea stess inħarsu biex niżviluppaw interkonnessjoni mal-Afrika ta' Fuq.

Dan huwa fil-linja tat-triq li qbadna bil-pjan tal-enerġija ta' dan il-Gvern.

## ***Summit* UE-Afrika**

Qed inħarsu lejn il-laqgħa tal-istati Ewropej mal-istati Afrikani – li ser issir il-ġimgħa d-dieħla – bħala waħda importanti ħafna biex inkomplu nibnu relazzjonijiet fit-tul li jwasslu għal titjib fis-sitwazzjoni f'ħafna pajjiżi Afrikani. Fl-istess ħin inkunu qed niżviluppaw relazzjonijiet ta' kummerċ u anke relazzjonijiet diplomatiċi li jwasslu biex inkunu nistgħu naħdmu eqreb ta' dawn fuq kwestjonijiet bħal pereżempju dik tal-immigrazzjoni illegali.

Fil-fatt, bi qbil fuq livell ta' Kunsill dwar dan kollu, waqt dan is-*summit* se nkunu qegħdin niddiskutu l-kwistjoni tal-immigrazzjoni li ħafna minnha, b'mod partikolari mill-Mediterran, ġejja mill-Afrika. Dan ġej ħafna minnu minn *racket* kbir ta' traffikar ta' persuni, suġġett li rridu nittrattaw fit-tul ma' dawn il-pajjiżi Afrikani.